**16 ta' Marzu, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Franco Depasquale B.A. LL.D.**

A

*versus*

B

## Separazzjoni Personali – Adulterju – Eċċessi – Moħqrija – Manteniment – Kura u Kustodja tal-Minorenni – Komunjoni ta' l-Akkwisti

*Kawża dwar Separazzjoni Personali fejn il-Qorti sabet tort u ħtija taż-żewġ partijiet.*

*Dwar allegazzjoni ta' Adulterju, il-Qorti irritjeniet illi jridu jinġiebu provi pjuttost sodi u ma tistax taċċetta l-allegazzjoni meta ma titressaqx xiehda fuq il-punt. Kura u kustodja tal-minorenni ġiet fdata lill-omm b'aċċess lill-missier.*

*Dwar Manteniment kienet tal-fehma illi sakemm il-mara tibqa' taħdem, żewġha ma għandux iħallasha manteniment, però għandu jħallasha f'każ li hija tieqaf mix-xogħol.*

*Il-Qorti tat ukoll provvediment dwar il-likwidazzjoni tal-kumunjoni ta' l-akkwisti.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-partijiet iżżewġu fid-29 ta' Ġunju 1968, u minn dan iż-żwieġ hemm żewġt itfal Darin u Jason;

Premess li l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju, servizzji, eċċessi u inġurji gravi kontra l-attur;

U premess li inoltre ż-żwieġ tagħhom tkisser irremedjabilment;

Premess li l-attur ġie awtorizzat li jagħmel din il-kawża b'digriet *tal-21 ta' Novembru, 1984*;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendent bi ħtija tal-konvenuta;

2. Tordna t-tmiem tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

3. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Darin u Jason f'idejn l-attur;

4. Tiddikjara lill-konvenuta dekaduta minn kull dritt ta' manteniment jew dritt ta' suċċessjoni u kull dritt ieħor kontra l-istess żewġha;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fejn eċċepiet

illi hija tiċħad l-allegazzjonijiet ta' l-attur dwar ħtijiet da parti tagħha li jagħtu lok għal separazzjoni. Fil-fatt kien l-istess attur li rrenda ruħu ħati lejha ta' ħtijiet serji kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Għalhekk it-talbiet ta' l-attur kellhom jiġu respinti bl-ispejjeż; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta fejn ġie *sottomess* li peress li jeżistu ċirkostanzi rikjesti mill-artikolu 396 tal-Proċedura Ċivili hija ħarrket in vija rikonvenzjonali lill-attur billi wara li ppremettiet li l-attur irrenda ruħu ħati versu lejha ta' sevizji, eċċessi, inġurji gravi u moħqrija kemm lilha stess kif ukoll lill-ulied komuni Darin u Jason u illi minħabba l-ħtijiet ta' l-attur iż-żwieġ tkisser irrevokabilment, talbet li għaliex dina l-Qorti ma għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet minħabba ħtijiet ta' l-attur; tafda l-kura u l-kustodja taż-żewġ ulied minuri f'idejn il-konvenuta; tikkundanna lill-attur iħallas retta alimentarja għaliha u għaż-żewġ ulied; tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet; tillikwida din il-komunjoni; tiddividi fi tnejn il-ġid ta' din il-komunjoni u tassenja nofs lil kull parti u tapplika sa fejn applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur għar-rikonvenzjoni ta' l-attriċi fejn eċċepixxa illi l-eċċezzjonijiet huma nulli peress li ma ġewx akkumpanjati minn dikjarazzjoni ġuramentata u għaldaqstant hemm il-kontumaċja, u li fit-tieni lok it-talbiet tal-kontro-talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li mhux veru li l-attur irrenda ruħu ħati ta' sevizji, eċċessi, inġurji gravi

u moħqrija lejn martu jew lejn uliedu;

Rat it-tieni dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni parzjali tat-22 ta' Ġunju 1988, relattiva għall-ewwel eċċezzjoni ta' l-attur għall-kontro-talba tal-konvenuta u ċjoè li l-eċċezzjonijiet tagħha kienu nulli peress li ma ġewx akkompanjati minn dikjarazzjoni ġuramentata, liema deċiżjoni ċaħdet din l-eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-attur;

Ikkunsidrat:

Illi din kienet kawża diffiċli fil-ġbir tal-provi u l-inkwiet li nqala' waqt is-seduti ma ppermettiex dik is-serenità neċessarja fl-andament ta' l-istess seduti; dan ġie rifless fil-kwantità kbira ta' seduti li nżammu proprju għal xejn u fil-mod kif tressqu x-xhieda. Meta wieħed jaqra l-proċess isib bosta nuqqasijiet fix-xhieda li ċertament kienu jiġu rrimedjati kieku d-difensuri u l-Assistenti Ġudizzjarji setgħu jikkonċentraw aktar fuq il-punti sollevati u fatti allegati. Il-Qorti ser ikollha tiddeċidi din il-kawża fuq il-provi li għandha quddiemha;

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-proċess, ma taqbilx mal-konklużjoni tar-relazzjoni li l-konvenuta ma kinitx fidila lejn żewġha fl-aħħar snin tal-ħajja miżżewġa; Il-Qorti hi ta' l-opinjoni li dwar allegazzjoni simili jridu jinġiebu provi pjuttost sodi; fis-sottomissjonijiet tar-relazzjoni ngħatat rilevanza lill-allegazzjoni ta' bews ma' X. Il-Qorti ma tistax taċċetta din l-allegazzjoni

mingħajr ma tressaq jixhed l-istess X – il-partijiet għandhom iġibu l-aħjar prova. Jiġi rrilevat li l-attur allega li martu kellha relazzjoni ma' kwantità kbira ta' rġiel; semma ukoll isimhom, però *anqas ressaq lil ħadd minnhom. Irriżulta ukoll li l-attriċi* qatt ma ġiet mistoqsija dwar il-fedeltà tagħha lejn żewġha; punt importanti bħal dan ma għandux jiġi deċiż sempliċement b'impressjoni, l-aġir u l-karattru tal-konvenuta jwasslu però għall-eċċessi u għall-moħqrija previsti mill-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-imġiba ta' l-attur ċertament twassal ukoll għall-istess eċċessi u moħqrija però fi grad akbar; veru li bosta mill-fatti allegati (miż-żewġ naħat) ma humiex kontrollabbli, imma fatt wieħed ineħħi kull dubbju: il-partijiet kellhom l-ewwel tarbija wara xi tliet snin li keinu stabbilew ruħhom fl-Awstralja. Tant kien jaħseb ħażin f'martu li għamel it-*tests* tad-demm mat-tarbija li minnhom sab li t-tarbija kienet tiegħu. Sa hawn ġa rriżulta affront mill-akbar lejn martu. Id-dispożizzjoni mentali ta' l-attur però ħarġet b'mod aktar ċar meta wara tlieta jew erba' snin oħra kellhom it-tieni tarbija u anki din id-darba mar għand it-tabib u għamel *it-tests tad-demm*. Għall-*Qorti dan jindika mhux* biss għira imma ossessjoni, u din l-atmosfera ċertament kienet determinanti fit-tkissir defnitiv taż-żwieġ;

Illi għalhekk il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tar-relazzjoni li ż-żewġ partijiet għanhom tort u ħtija skond il-liġi għas-separazzjoni, u li għandha tiddikjara xolta l-komunoni ta' *l*-akkwisti eżistenti bejniethom;

Illi sa meta l-Assistenta Ġudizzjarja ppreżentat ir-relazzjoni tagħha kien jidher li d-dar konjugali, li kienet inbniet tul iż-żwieġ,

kienet tifforma parti mill-assi fil-komunjoni ta' l-akkwisti u fuqha kien hemm xi dejn pendenti favur il-Lohombus. F'waħda mill-aħħar seduti xehed il-*General Manager* tal-Korporazzjoni u kkonferma li d-dejn kien tħallas kollu: irriżulta inoltre li d-dar ma kinitx aktar parti mill-assi peress li kienet inbiegħet lil terza persuna u skond il-kuntratt relattiv il-prezz kien ġie indikat bħala Lm17,365. Dan il-fatt ibiddel il-konsiderazzjonijiet li fuqhom ibbażat ruħha l-Assistenta Ġudizzjarja u l-Qorti trid tiddeċidi f'dan id-dawl ġdid;

Illi miċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti taqbel mar-relazzjoni dwar li l-kura u l-kustodja tat-tfal għandha tiġi fdata f'idejn l-omm b'aċċess għall-missier;

Illi dwar il-manteniment, il-Qorti ma tantx għandha provi quddiemha; min-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuta jidher li "l-attriċi kienet kostretta u għadha taħdem biex tgħajjex lilha nnifisha u lil uliedha". Il-Qorti, anki in vista ta' dak li ġa ngħad, ma tikkondividix l-opinjoni ta' l-Assistenta Ġudizzjarja u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li sa kemm il-mara tibqa' taħdem, żewġha ma għandux iħallasha *manteniment*, però għandu jħallasha fil-każ li tieqaf mix-xogħol; il-Qorti taqbel mal-konklużjoni fir-relazzjoni dwar il-manteniment dovut għall-ulied;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel talba kemm taċ-ċitazzjoni kif ukoll dik tal-kontro-talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti dan però bi ħtija taż-żewġ partijiet; tilqa' t-tieni talba taċ-ċitazzjoni u r-raba' talba tal-kontro-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti; eżistenti sa issa bejn il-kontendenti; tiċħad it-tielet talba fiċ-ċitazzjoni u tilqa' waħda fil-kontro-talba

u tordna li l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri Darin u Jason jiġu mogħtija lil ommhom b'dan li l-missier għandu jkollu aċċess għall-istess uliedu kull nhar ta' Erbgħa mill-erbgħa sas-sitta ta' wara nofs inhar u kull nhar ta' Ħadd mill-għaxra ta' filgħodu sat-tlieta ta' wara nofs inhar; tiċħad ir-raba' talba fiċ-ċitazzjoni in kwantu tirrigwarda l-manteniment iżda tordna l-applikazzjoni fil-konfront taż-żewġ partijiet ta' l-artikolu 48(1) (a) tal-Kodiċi Ċivili; tilqa' t-tielet talba fil-kontro-talba u tordna lill-attur iħallas lil martu terz tal-paga, bonus u benefiċċju ieħor li hu jirċievi mix-xogħol tiegħu *bħala manteniment għaż-żewġ ulied minuri* komuni, u inoltre jħallas lil martu s-somma ta' tletin lira fix-xahar, liema somma però ma tkunx dovuta sakemm il-mara tkun taħdem bi qliegħ; tilqa' l-ħames u s-sitt talba fil-kontro-talba billi tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti fil-beni elenkati fir-relazzjoni msemmija ħlief għal fond, li rriżulta li ġie ttrasferit bil-prezz ta' Lm17,365, (il-Qorti tassumi li l-istess dar inbiegħet bl-għamara); u tiddividha billi tassenja lill-attur il-flus li daħħal mill-prezz ta' l-imsemmija dar ħlief għas-somma li għandu jħallas lil martu kif ipprovdut, aktar 'il quddiem, u kull għamara li kien hemm fid-dar imsemmija u li ma ġietx mibjugħa, u tassenja lill-konvenuta l-fond u s-somma ta' erbat elef lira li l-attur huwa kkundannat iħallas lill-konvenuta; tiċħad is-seba' talba fil-kontro-talba in kwantu tirrigwarda l-artikolu 50 (li qabel kien 58), u tilqagħha fil-konfront taż-żewġ partijiet (bis-saħħa anke ta' l-artikolu 52) sa fejn applikabbli rigward l-artikolu 48 (li qabel kien 56) tal-Kap. 16;

L-ispejjeż jitħallsu bin-nofs.